minn Nicholas Vassallo
D.Litt.

# Sunta Catania

## Ġrajja ta' tfajla tipika Siġġiwija



Aħna u tilgħin lejn iċ-ċimiterju ta' San Dawdar, madwar erba' mitt metru 'l fuq mirrazzett ta' San Nikola tal-inbid, mal-ħajt tattriq fi dwejra t'għalqa naraw salib tal-ġebel f'għamla ta' gwarniċ li jfakkar il-mewt ta' Marija Assunta Catania, ta' ħamsa u għoxrin sena, li mietet b'diżgrazzja f'dawn l-inħawi fit-22 ta' Lulju ta' l-1922. Dan huwa wieħed minn dak l-għadd kbir ta' slaleb li kienu u għadhom, sal-lum, jitwaħħlu fil-post fejn tiġri xi diżgrazzja, ħafna drabi tat-traffiku.

Minn dejjem kont nismagħhom jgħidu li Sunta kienet xbejba ħabrieka, li ma taqta' qalbha minn xejn. Hija kienet taħdem ma' wieħed negozjant magħruf mis-Siġġiewi li kien jixtri l-uċuħ tar-raba direttament mingħand il-bdiewa biex ibigħhom lix-"shipchandlers". Dawn, mill-banda l-oħra, kienu negozjanti kbar li kellhom l-imħażen tagħhom fil-Port il-Kbir in-naħa ta' fejn hemm illum il-"Valletta Waterfront". Huma kienu jipprovdu lill-vapuri l-kbar tal-flotta Ingliża b'dak kollu li jkunu jinħtieġu huma u jsalpaw għal pajjiżi oħra bħal Lixandra fl-Eġittu jew lejn Ġibiltà.

Meta kienu jwasslu xi wċuħ għall-bejgħ, il-bdiewa kienu jfittxu lin-negozjant, nhar ta' Ħadd fuq iz-zuntier, wara l-quddiesa tas-6.00am, jikkordaw fuq il-prezz u jiffissaw ġurnata meta n-negozjant (imsejjaħ ix-xerrej) ikun biħsiebu jmur fuq il-lant biex "jagħżel", jimla u jiżen il-wicc. Ix-xerrej kien ikollu miegħu xi nofs tużżana mellejja; dmirhom kien ikun li jagħżlu l-basal ta' daqs wieħed fil-waqt li jiskartaw l-irqiq, tal-ġmieda jew li jidhrilhom "ma jwassalx" jiġifieri li jista' jitħassar f'qasir żmien. Ġeneralment, il-basal u l-patata kienu jimlewhom fi ċrienen ta' xi 50 kilò l-waħda filwaqt li l-qamħ u ġwież ieħor kienu jimtlew fix-xkejjer tal-faxx u jitkejlu bit-tomna jew bil-modd.

In-negozjanti tax-xatt, jew "shipchandlers", kienu jippreferu l-basal tas-Siġġiwin minħabba li kellu l-fama li ma jitħassarx u li jdum ma jtella' r-rami; għalhekk kien ideali għal fuq il-vapuri. Il-flotta Ingliża kienet issalpa s-sena kollha fil-Mediterran u f'ibħra oħra madwar id-dinja għax, bħalma nafu, l-Imperu Ingliż, sa nofs is-snin sittin, kien mifrux ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. Għall-bdiewa Maltin dan kien ifisser kummerċ garantit. Mhux ta' b'xejn il-bidwi kien jgħid: "Ir-raba jrabbi".

Il-basal, in-naħat tagħna, kien jagħti żewġt uċuħ: wieħed tal-basal abjad, ta' għamla tonda u ċatt, li kien jasal kmieni iżda jmur malajr u għalhekk kien irid jinbiegħ u jkun ikkunsmat f'qasir żmien qabel l-għarejjex ta' Santa Marija.

L-ieħor, kemxejn żenguli, ta' daqs mezzan u bil-ħliefa safranija, ma kienx jeħxien wisq iżda - bħalma għedna – kien jiflaħ għat-taħsir. Minħabba f'hekk, dawk il-bdiewa li kellhom fejn jaħżnuh, kienu jippreferu jsensluħ billi jinsġuħ f'għenieqed ta' madwar tnax jew ħmistax-il-kilò.

Biex isensluh, kienu jaħfnu tlitt basliet f'idhom il-leminija, jobormuhom b'ħeffa f'ċoff ma' tlieta oħra f'idhom tax-xellug u mbagħad min ikun isensel jgħaqqad dawn iċ-ċfuf ta' sitt basliet f'malja jew toppu waqt li kull darba jdawwar l-għanqud jew it-toppu




**Is-Salib tal-Ġebel li jfakkar it-traġedja ta' Sunta Catania.**

immaljat biex ikun minsuġ sew bil-basal mad-dawra kollha.

Is-sensil tal-basal kien jinħtieg ħafna xogħol u kien irid isir filgħodu kmieni, fil-frisk, x'ħin il-ħliefa tal-basal tkun għadha niedja u ratba. Malli l-arja tibda tisħon, il-bidwi kien jinħtieġlu jbixx ħafif ħafif il-gziez tal-basal wieħed wieħed, skond kemm jilħaq isensel f'dik l-għodwa u jgħattihom bl-ixkejjer biex il-basal iżomm niedi. Meta jkun lest mis-sensil, il-bidwi kien idendel l-għenieqed fil-maħżen jew fl-għorfa tiegħu biex ibigħu fix-xitwa hekk kif jibda' jgħola l-prezz. B'hekk kien idaħħal kemxejn aktar.

Meta l-bidwi kien jidhirlu li aktar jaqbel ibigħu minn fuq il-lant, wara li jkun ftiehem man-negozjant, dan ma' sbieħ il-jum kien jibgħat il-mellejja jqaċċtu l-faxxina tal-basal miġbur fi gziez, għamla ta' qassata kbira, mifruxin mal-għalqa kollha u, wara li jiskartaw l-irqieq jew xi waħda mhix kapaċi, jimlewh bħal m'għedna fi ċrienen ta' madwar erbgħin jew ħamsin kilo l-waħda. Imbagħad, għal wara nofs in-nhar, kien jasal il-pizatur bl-istasija u erħilu jiżen iċ-ċrienen tnejn tnejn imqandlin minn żewġ reffiegħa. Il-piżatur kien iħejji nventarju ta' kemm qnatar wiżen, kemm il-ċurniena hemm u joħroġ il-kont totali.

Sa xi erbgħin sena ilu, il-piżatur ewlieni fis-Siġġiewi kien Ġanni ta' Kalċ, li kien joqgħod fi Triq Santa Margerita in-naħa tal-Madonna ta' Lourdes. Jingħad li x-xerrej li miegħu kienet taħdem Sunta kien joqgħod fl-istess akwati. Hija kienet tieħu ħsieb il-mellejja; iżda darba minnhom, waqt li kienu jimlew il-basal lejn Tal-Pinċatt, naqsuhom iċ-ċrienen u Sunta offriet li tmur iġġib aktar mir-remissa tax-xerrej. Bi ftehim miegħu, malajr rikbet fuq il-karettun u saqet lejn ir-Raħal biex taqdi 'l-imgħallem tagħha. "*The Malta Herald*" tat-Tnejn 24 ta' Lulju issemmi kif, is-Sibt ta' qabel għal xi s-sitta w nofs ta' filgħaxija, il-kuntistabbli $N^{ru}$ 261 Ġużeppi Sammut waqt li kien jaħdem fl-għalqa tiegħu qrib iċ-ċimiterju ta' San Dawdar, refa' rasu u ra ż-żiemel tagħha għaddej jiġri maħrub biha. Ġużeppi malajr intebaħ x'kien inqala': ġera għal warajha bil-ħsieb li jtiha l-għajnuna iżda mal-kantuniera fil-qrib fejn hemm is-salib tagħha, Sunta ttajret minn fuq id-dliegħi tal-karettun, ħabtet ngħasha u mietet[1].

Is-Siġġiwin ta' tamparha bagħqu jsemmuha għax kienu jammiraw il-bżulija u l-għaqal tagħha; il-bdiewa huma u deħlin lejn il-Fawwara rikbin fuq il-karettuni tagħhom, hekk kif jaslu lejn Ta' Ngħajsa, kienu jroddu bil-qima s-Salib waqt li jitolbu għal ruħha l-mistrieħ ta' dejjem.

[1]). "*The Malta Herald*", bi żball, tgħid li l-mejta kien jisimha Marija Camilleri, iżda l-gazzetta l-oħra "*Malta*", tal-25 ta' Lulju tal-istess sena (1922), tgħidilna li l-mara kienet Marija Assunta Catania kif imniżżla fuq is-salib tat-tifkira. Madankollu, il-"*Malta*" wkoll tagħmel xi żbalji għax issemmi li l-inċident ġara l-Ħadd 23 ta' Lulju.